MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 2002/2003

**Stephen Spiteri u Thomas Smith Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi**

**Vs**

**Vincienne Sarsero**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Ottubru 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm350.75 (tlett mija u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bhala hsara fil-vettura tal-attur ikkagunati f'incident awtomobilistiku fil-Marsa .

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Peress illi fit-2 ta' Novembru 2002 sehhet kollizzjoni f'Moll Il-Knisja, kantuniera ma' Sqaq is-Salib, Marsa, Malta bejn il-vettura ABH 801 misjuqa minn Vincienne Sarsero, u dik

EAW 384 misjuqa minn Doreen Spiteri u propjeta' tal-attur Stephen Spiteri;

U peress illi dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek Vincienne Sarsero illi int hrigt habta u sabta minn posizzjoni stazzjonarja, u b'hekk imblokkajt il-karreggjata ta' Doreen Spiteri, u inoltre inqast illi izzomm a 'proper look out';

U peress illi d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal Lm350.75;

Ghid ghalhekk inti konvenuta ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal;

1. Jiddikjarak responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;
2. Jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi fl-ammont ta' Lm350.75;
3. Tikkundannak thallas lill-atturi din is-somma.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar 2003; u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-kumpanija assikuratrici tieghek, kontra tieghek.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Dak li qed jitolbu l-atturi ghadu jigi michud bl-ispejjez ghax l-eccipjenti ma kienetx ghall-incident stradali in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidra:
Illi 'ex admissis' il-konvenuta tammetti li harget mill-parking area ma ratx il-vettura tal-attur, giet ghad-dritt u habtu. Hija inspjegabbli pero' - u ma gietx moghtija raguni valida u logika - ghaliex il-vettura attrici fid-dritta u fil-wisa

meta z-zewg vetturi liema fil-karreggjata taghhom. Hija aktar verosimili l-versjoni attrici. Cioe' li jew veru ma rathiex (kif stqarret l-istess konvenuta) jew li ghamlet kalkolu hazin tad-distanza ta' bejniethom.

Di fatti, il-habta saret b' mod skontrat. Effettivament, il-konvenuta waqfet wara, u mhux qabel il-habta. Ghalhekk hija ndikata fl-iskrizz bhala dritta, fil-karreggjata taghha, sahansitra halliet il-brakemarks. F' dan is-sens, issir riferenza ghal kawza fl-ismijiet "Elmo Ins. Agency Ltd. noe et vs Mario Zammit" deciza P/A P.S fit-28 ta' Jannar 2004.

Lanqas ma jigi skontrat xi nuqqas u/jew kontribuzzjoni da parti ta' Doreen Spiteri- sewwieqa tal-vettura attrici. Relattivament ghad-danni dawn ma gewx kontestati u jigu accettati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanaha thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsin Lira u hamsa u sebghin centezmi, bl-ispejjes u nteressi mid-data tal-prezentata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------